# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 879/2008

## tad-9 ta' Settembru 2008

## li jiftaħ sejħa permanenti għall-offerti għall-bejgħ mill-ġdid ta' zokkor għall-esportazzjoni miżmum mill-aġenziji tal-intervent tal-Belġju, tar-Repubblika Ċeka, l-Irlanda, l-Italja, l-Ungerija, is-Slovakkja u l-Iżvezja għas-sena tas-suq 2008/2009

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) [1], u b'mod partikulari l-Artikolu 43(d) flimkien mal-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 39(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 952/2006 tad-29 ta' Ġunju 2006 li jistabbilixxi r-regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 318/2006 rigward l-immaniġġjar tas-suq Komunitarju fiz-zokkor u s-sistema tal-kwoti [*titlu mhux uffiċjali*] [2] jipprovdi li l-aġenziji tal-intervent jistgħu jbiegħu z-zokkor biss wara li tkun ġiet adottata deċiżjoni dwar dan mill-Kummissjoni.

(2) Tali deċiżjoni ttieħdet mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1060/2007 tal-14 ta' Settembru 2007 li jiftaħ sejħa permanenti għall-offerti għall-bejgħ mill-ġdid għall-esportazzjoni ta' zokkor miżmum mill-aġenziji tal-intervent tal-Belġju, ir-Repubblika Ċeka, Spanja, l-Irlanda, l-Italja, l-Ungerija, is-Slovakkja u l-Iżvezja [3]. Skond dak ir-Regolament, l-offerti jistgħu jitressqu għall-aħħar darba bejn il-11 u l-24 ta' Settembru 2008.

(3) Huwa previst li l-ħażniet ta' intervenzjoni taz-zokkor se jkomplu jeżistu f'ħafna mill-Istati Membri kkonċernati wara li tkun skadiet l-aħħar possibbiltà biex jitressqu l-offerti. Għalhekk, sabiex iwieġbu għat-talba kontinwa fis-suq, huwa xieraq li tinfetaħ sejħa permanenti oħra għall-offerti sabiex dawn il-ħażniet isiru disponibbli għall-esportazzjoni.

(4) L-esportazzjonijiet tal-Komunità lejn ċerti destinazzjonijiet fil-qrib u lejn pajjiżi terzi li jagħtu trattament preferenzjali ta' l-importazzjoni lil prodotti Komunitarji, bħalissa huma f'pożizzjoni kompetittiva partikolarment favorevoli. Sabiex ma jkunx hemm abbuż assoċjat ma' l-importazzjoni jew l-introduzzjoni mill-ġdid fil-Komunità ta' prodotti fis-settur taz-zokkor li jkunu kkwalifikaw għall-esportazzjoni, iz-zokkor li jkun sar disponibbli skond is-sejħa permanenti għall-offerti t'hawn fuq ma għandux isir disponibbli għall-esportazzjoni lejn dawk id-destinazzjonijiet.

(5) Għas-sena tas-suq 2008/2009, ma ġie allokat l-ebda bażit għar-rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni taz-zokkor. Għalhekk, jeħtieġ li jkun hemm deroga mill-proċeduri stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 952/2006 minħabba li dawk kienu tfasslu għal sitwazzjoni fejn kienu se jitħallsu r-rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni.

(6) Biex ikun jista' jsir tqabbil tal-prezzijiet offruti għaz-zokkor ta' kwalitajiet differenti, il-prezz offrut għandu jirreferi għaz-zokkor ta' kwalità standard kif iddefinit fil-parti B ta' l-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.

(7) L-aġenziji tal-intervent tal-Belġju, ir-Repubblika Ċeka, l-Irlanda, l-Italja, l-Ungerija, is-Slovakkja u l-Iżvezja għandhom jikkomunikaw l-offerti lill-Kummissjoni. Min ikun tefa' l-offerta għandu jibqa' anonimu.

(8) Skond l-Artikolu 42(2)(c) tar-Regolament (KE) Nru 952/2006, huwa xieraq li tiġi ffissata kwantità minima għal kull wieħed li jressaq offerta jew għal kull lott.

(9) Sabiex titqies is-sitwazzjoni fis-suq tal-Komunità, il-Kummissjoni għandha tiffissa prezz minimu tal-bejgħ għal kull sejħa parzjali għall-offerti.

(10) Il-prezz minimu tal-bejgħ jirreferi għaz-zokkor ta' kwalità standard. Għandu jkun hemm dispożizzjoni sabiex il-prezz tal-bejgħ ikun jista' jiġi aġġustat f'każ li z-zokkor ma jkunx ta' din il-kwalità.

[1] ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
[2] ĠU L 178, 1.7.2006, p. 39.
[3] ĠU L 242, 15.9.2007, p. 8.

(11) Il-kwantitajiet disponibbli għal Stat Membru li jistgħu jingħataw meta l-Kummissjoni tiffissa l-prezz minimu tal-bejgħ għandhom iqisu l-kwantitajiet mogħtija skond ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 877/2008 tad-9 ta' Settembru 2008 li jiftaħ sejħa permanenti għall-offerti għall-bejgħ mill-ġdid taz-zokkor miżmum mill-aġenziji tal-intervent tal-Belġju, ir-Repubblika Ċeka, l-Irlanda, l-Italja, l-Ungerija, is-Slovakkja u l-Iżvezja fis-suq Komunitarju [1] u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 878/2008 tad-9 ta' Settembru 2008 li jiftaħ sejħa permanenti għall-offerti għall-bejgħ mill-ġdid taz-zokkor miżmum mill-aġenziji tal-intervent tal-Belġju, ir-Repubblika Ċeka, l-Irlanda, l-Italja, l-Ungerija, is-Slovakkja u l-Iżvezja għall-użu industrijali [2].

(12) Għall-istess raġuni msemmija fil-premessa nru 5 t'hawn fuq, il-liċenzji tal-esportazzjoni maħruġin skond l-Artikolu 48(2)(a) tar-Regolament (KE) Nru 952/2006 ma jistgħux jispeċifikaw ir-rifużjoni tal-esportazzjoni.

(13) Skond l-Artikolu 42(2)(e) tar-Regolament (KE) Nru 952/2006, huwa xieraq li jiġi deċiż il-perjodu ta' validità tal-liċenzji tal-esportazzjoni.

(14) Sabiex ikun żgurat li l-kwantitajiet mogħtija skond dan ir-Regolament ikunu esportati, il-garanzija li trid tingħata meta wieħed japplika għal liċenzja tal-esportazzjoni għandha tkun iffissata f'livell dissważiv sabiex jiġi evitat kwalunkwe riskju li dawn il-kwantitajiet jintużaw għal għanijiet oħra.

(15) Sabiex jiġi żgurat immaniġġjar kif suppost taz-zokkor maħżun, għandha ssir dispożizzjoni biex ikun hemm komunikazzjoni mill-Istati Membri lill-Kummissjoni dwar il-kwantitajiet li ġew mibjugħa u esportati fil-verità.

(16) It-tieni paragrafu tal-Artikolu 59 tar-Regolament (KE) Nru 952/2006 jipprovdi li r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1262/2001 [3] ikompli japplika għaz-zokkor li ġie aċċettat għall-intervent qabel l-10 ta' Frar 2006. Madanakollu, għall-bejgħ mill-ġdid taz-zokkor tal-intervent, din id-distinzjoni mhix neċessarja u jekk tiġi implimentata toħloq diffikultajiet amministrattivi għall-Istati Membri. Għalhekk, skond dan ir-Regolament, huwa xieraq li l-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1262/2001 tiġi eskluża mill-bejgħ mill-ġdid taz-zokkor tal-intervent.

(17) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-aġenziji tal-intervent tal-Belġju, ir-Repubblika Ċeka, l-Irlanda, l-Italja, l-Ungerija, is-Slovakkja u l-Iżvezja mniżżlin fl-Anness I għandhom joffru għall-bejgħ kwantità totali ta' 345 539 tunnellata zokkor permezz ta' sejħa permanenti għall-offerti għall-esportazzjoni lejn id-destinazzjonijiet kollha, ħlief dawk li ġejjin:

(a) il-pajjiżi terzi: l-Andorra, il-Liechtenstein, is-Santa Sede (l-Istat tal-Belt tal-Vatikan), il-Kroazja, il-Bożnija u Ħerzegovina, il-Montenegro, l-Albanija, l-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja u s-Serbja, kif ukoll il-Kosovo taħt ir-Riżoluzzjoni Nru 1244/99 tal-KSNU;

(b) it-territorji tal-Istati Membri tal-UE li mhumiex parti mit-territorju doganali tal-Komunità: il-Gżejjer Faeroe, Greenland, Heligoland, Ceuta, Melilla, il-Lokalitajiet ta' Livigno u ta' Campione d'Italia, u ż-żoni tar-Repubblika ta' Ċipru fejn il-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru ma jeżerċitax kontroll effettiv;

(ċ) it-territorji Ewropej li għar-relazzjonijiet esterni tagħhom huwa responsabbli Stat Membru li ma jiffurmax parti mit-territorju doganali tal-Komunità: Ġibiltà.

Il-kwantitajiet massimi allokati lil kull Stat Membru huma stabbiliti fl-Anness I.

Il-proċedura tas-sejħa għall-offerti għandha tiddetermina l-prezz tal-bejgħ.

*Artikolu 2*

1. Il-perjodu li fih jistgħu jitressqu s-sejħiet għall-offerti bħala tweġiba għall-ewwel sejħa parzjali għall-offerti għandu jibda fl-1 ta' Ottubru 2008 u jintemm fil-15 ta' Ottubru 2008 fit-15.00, ħin ta' Brussell.

Il-perjodi li fihom jistgħu jitressqu s-sejħiet għall-offerti bi tweġiba għat-tieni sejħa parzjali u għas-sejħiet parzjali sussegwenti għandhom jibdew fl-ewwel jum tax-xogħol wara li jintemm il-perjodu preċedenti. Dawn għandhom jintemmu fit-15.00, ħin ta' Brussell, nhar:

— id-29 ta' Ottubru 2008,

— it-12 u s-26 ta' Novembru 2008,

— it-3 u s-17 ta' Diċembru 2008,

[1] Ara paġna 3 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.
[2] Ara paġna 8 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.
[3] ĠU L 178, 30.6.2001, p. 48. Ir-Regolament thassar bir-Regolament (KE) Nru 952/2006.

— is-7 u t-28 ta' Jannar 2009,

— il-11 u l-25 ta' Frar 2009,

— il-11 u l-25 ta' Marzu 2009,

— il-15 u d-29 ta' April 2009,

— it-13 u s-27 ta' Mejju 2009,

— l-10 u l-24 ta' Ġunju 2009,

— l-1 u l-15 ta' Lulju 2009,

— il-5 u s-26 ta' Awwissu 2009,

— id-9 u t-23 ta' Settembru 2009.

2. L-għan tal-proċedura tas-sejħa għall-offerti se jkun li jiġi deċiż il-prezz minimu li dawk li jitfgħu l-offerti huma lesti li jħallsu għaz-zokkor imsemmi fl-Artikolu 1. Minħabba li dak iz-zokkor mhux se jgawdi mir-rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni, b'deroga mill-Artikolu 42(1)(d) tar-Regolament (KE) Nru 952/2006 dan il-prezz mhux se jqis kwalunkwe rifużjoni fuq l-esportazzjoni.

3. Il-prezz offrut għandu jirreferi għaz-zokkor abjad u għaz-zokkor mhux raffinat ta' kwalità standard kif iddefinit fil-parti B tal-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.

4. Il-kwantità minima tal-offerta għal kull lott skont l-Artikolu 42(2)(ċ) tar-Regolament (KE) Nru 952/2006 għandha tkun ta' 250 tunnellata sakemm il-kwantità disponibbli għal dak il-lott ma tkunx ta' anqas minn 250 tunnellata. Fit-tali każijiet, għandha tiġi offruta l-kwantità disponibbli.

5. L-offerti għandhom jitressqu lill-aġenziji tal-intervent li għandhom iz-zokkor kif stabbilit fl-Anness I ta' dan ir-Regolament.

6. L-offerti għandhom jinkludu dikjarazzjoni minn dak li jitfa' l-offerta li huwa se japplika għal liċenzja tal-esportazzjoni għal kwalunkwe kwantità ta' zokkor mogħtija.

*Artikolu 3*

L-aġenziji tal-intervent ikkonċernati għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni l-offerti li jkunu tressqu sa sagħtejn wara l-iskadenza għat-tressiq stabbilita fl-Artikolu 2(1).

L-identità ta' min għamel l-offerta għandha tibqa' sigrieta.

L-offerti li jitressqu għandhom jiġu kkomunikati b'mezzi elettroniċi skond il-mudell stabbilit fl-Anness II.

Jekk ma tintefa' l-ebda offerta, l-Istat Membru għandu jikkomunika dan lill-Kummissjoni fil-perjodu ta' żmien iffissat fl-ewwel paragrafu.

*Artikolu 4*

1. Il-Kummissjoni għandha tiffissa l-prezz minimu tal-bejgħ għal kull Stat Membru kkonċernat, jewinkella tiddeċiedi li ma taċċettax l-offerti skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 195 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.

2. Għaz-zokkor tal-intervent li mhuwiex ta' kwalità standard, l-Istati Membri għandhom jaġġustaw il-prezz effettiv tal-bejgħ billi japplikaw l-Artikolu 32(6) u l-Artikolu 33 rispettivament tar-Regolament (KE) Nru 952/2006 *mutatis mutandis*. F'dan il-kuntest, ir-referenza għall-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 318/2006 ([1]) fl-Artikolu 32 tar-Regolament (KE) Nru 952/2006 għandha tiġi interpretata bħala referenza għall-Parti B tal-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.

3. Il-kwantità disponibbli għal lott għandha titnaqqas bil-kwantitajiet li jingħataw fl-istess jum għal dak il-lott skond ir-Regolament (KE) Nru 877/2008 u r-Regolament (KE) Nru 878/2008.

Meta l-għoti bil-prezz minimu tal-bejgħ stabbilit skond il-paragrafu 1 jirriżulta fil-qbiż ta' dik il-kwantità mnaqqsa li tkun disponibbli għal-lott, dak l-għoti għandu jiġi limitat għal dik il-kwantità mnaqqsa li tkun disponibbli.

Meta l-għotjiet ta' Stat Membru lil dawk kollha li jkunu tefgħu l-offerta li joffru l-istess prezz tal-bejgħ għal lott wieħed jirriżultaw fil-qbiż ta' dik il-kwantità disponibbli mnaqqsa għal dak il-lott, dik il-kwantità disponibbli mnaqqsa għandha tingħata kif ġej:

(a) permezz ta' diviżjoni fost dawk li jkunu tefgħu l-offerti proporzjonalment mal-kwantitajiet totali f'kull waħda mill-offerti tagħhom; jew

(b) permezz ta' tqassim fost dawk li jkunu tefgħu l-offerti b'referenza għat-tunnellaġġ massimu ffissat għal kull wieħed minnhom; jew

(ċ) billi jittellgħu bix-xorti.

*Artikolu 5*

1. B'deroga mill-Artikolu 48(2)(a) tar-Regolament (KE) Nru 952/2006, il-liċenzji tal-esportazzjoni maħruġin ma għandhomx juru rifużjoni fuq l-esportazzjoni.

2. Fil-kaxxa 20 ta' l-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-esportazzjoni u tal-liċenzji, għandu jkun hemm waħda mill-annotazzjonijiet elenkati fl-Anness III.

3. Mal-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-esportazzjoni għandha tingħata evidenza li turi li l-applikant ikun ta garanzija ta' EUR 400 għal kull tunnellata ta' kwantità mogħtija.

([1]) ĠU L 58, 28.2.2006, p. 1. Ir-Regolament (KE) Nru 318/2006 se jinbidel bir-Regolament (KE) Nru 1234/2007 mill-1 ta' Ottubru 2008.

4. Il-liċenzji ta' l-esportazzjoni maħruġin b'rabta ma' stedina parzjali għall-offerti għandhom ikunu validi mill-jum tal-ħruġ sa tmiem il-ħames xahar kalendarju wara dak li fih tkun inħarġet l-istedina parzjali.

5. Fuq talba ta' dak li jkun tefa' l-offerta b'suċċess, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn tkun inħarġet il-liċenzja tal-esportazzjoni tista' tippermetti kwantità ta' zokkor, fl-ekwivalent taz-zokkor l-abjad, maħdum taħt il-kwota li għandha tiġi esportata, minflok l-istess kwantità ta' zokkor tal-intervent, ukoll fl-ekwivalent taz-zokkor l-abjad mogħti. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kkonċernati għandhom jikkoordinaw il-verifiki u l-monitoraġġ ta' din il-ħidma.

6. Il-garanzija msemmija fil-paragrafu 3 għandha tiġi rrilaxxata skond l-Artikolu 34 tar-Regolament (KE) Nru 376/2008 ([1]) għall-kwantitajiet li għalihom l-applikant ikun issodisfa, fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 30(b) u 31(b)(i) tar-Regolament (KE) Nru 376/2008, l-obbligu tal-esportazzjoni li jirriżulta mil-liċenzji maħruġin skond il-paragrafu 4 u li għalihom jitressqu t-tliet dokumenti li ġejjin:

(a) kopja tad-dokument tat-trasport;

(b) dikjarazzjoni li l-prodott inħatt, magħmula minn awtorita' uffiċjali tal-pajjiż terz ikkonċernat, mill-awtoritajiet uffiċjali ta' wieħed mill-Istati Membri stabbiliti fil-pajjiż tad-destinazzjoni, jew minn aġenzija ta' sorveljanza internazzjonali approvata skont l-Artikoli 16a sa 16f tar-Regolament (KE) Nru 800/1999 ([2]), li tiċċertifika li l-prodott ħalla l-post tal-ħatt jew talanqas li, sa fejn tkun taf l-awtorita' jew l-aġenzija li tkun qed toħroġ id-dikjarazzjoni, il-prodott ma jkunx tgħabba mill-ġdid sussegwentement bil-għan li jerġa' jkun esportat;

(ċ) dokument bankarju maħruġ minn intermedjarji approvati stabbiliti fil-Komunità li jiċċertifika li l-ħlas li jikkorrispondi mal-esportazzjoni kkonċernata jkun inħareġ mill-kont tal-esportatur li jkun infetaħ magħhom, jew evidenza li sar il-ħlas.

*Artikolu 6*

1. Sa mhux aktar tard mill-ħames jum tax-xogħol wara li l-Kummissjoni tkun iffissat il-prezz minimu tal-bejgħ, l-aġenziji tal-intervent involuti għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni, skond il-mudell stabbilit fl-Anness IV, il-kwantità eżatta mibjugħa permezz ta' sejħa parzjali għall-offerti.

2. Sa mhux aktar tard mill-aħħar ta' kull xahar kalendarju, fir-rigward tax-xahar kalendarju ta' qabel, l-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni dwar il-kwantitajiet taz-zokkor tal-liċenzji tal-esportazzjoni mogħtija lura lill-awtoritajiet kompetenti u l-kwantitajiet korrispondenti taz-zokkor esportat, filwaqt li jqisu t-tolleranzi permessi mill-Artikoli 7(4) u (5) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 376/2008.

*Artikolu 7*

B'deroga mit-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 59 tar-Regolament (KE) Nru 952/2006, ir-Regolament (KE) Nru 1262/2001, kif imsemmi fl-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament, m'għandux japplika għall-bejgħ mill-ġdid taz-zokkor aċċettat għall-intervent qabel l-10 ta' Frar 2006.

*Artikolu 8*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum mill-publikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Ottubru 2008. Għandu jiskadi fil-31 ta' Marzu 2010.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 9 ta' Settembru 2008.

*Għall-Kummissjoni*
Mariann FISCHER BOEL
*Membru tal-Kummissjoni*

([1]) ĠU L 114, 26.4.2008, p. 3.
([2]) ĠU L 102, 17.4.1999, p. 11.

*ANNESS I*

**L-Istati Membri li għandhom zokkor ta' intervent**

| L-Istat Membru | L-Aġenzija ta' Intervent | Il-kwantitajiet miżmuma mill-aġenzija ta' intervent u li huma disponibbli għall-bejgħ fis-suq intern (f'tunnellati) |
|---|---|---|
| Il-Belġju | Bureau d'intervention et de restitution belge<br>Rue de Trèves, 82<br>B-1040 Bruxelles<br>Tél. (32-2) 287 24 11<br>Fax (32-2) 287 25 24<br><br>Belgisch Interventie- en Restitutiebureau<br>Trierstraat 82<br>B-1040 Brussel<br>Tel. (32-2) 287 24 11<br>Fax (32-2) 287 25 24 | 9 360 |
| Ir-Repubblika Ċeka | Státní zemědělský intervenční fond<br>Oddělení pro cukr a škrob<br>Ve Smečkách 33<br>110 00 PRAHA 1<br>Tel.: (420) 222 87 14 27<br>Fax: (420) 222 87 18 75 | 30 687 |
| L-Irlanda | Intervention Section<br>On Farm Investment<br>Subsidies & Storage Division<br>Department of Agriculture & Food<br>Johnstown Castle Estate<br>Wexford<br>Tel. (353) 5363437<br>Fax: (353) 9142843 | 12 000 |
| L-Italja | AGEA — Agenzia per le erogazioni in agricoltura<br>Ufficio ammassi pubblici e privati e alcool<br>Via Palestro, 81<br>I-00185 Roma<br>Tel. (39) 06 49 49 95 58<br>Fax (39) 06 49 49 97 61 | 225 014 |
| L-Ungerija | Mezőgazdasági és Vidékfejlesztési Hivatal (MVH)<br>Soroksári út 22–24.<br>H-1095 Budapest<br>Tel. (36-1) 219 45 76<br>Fax: (36-1) 219 89 05 vagy (36-1) 219 62 59 | 21 650 |
| Is-Slovakkja | Pôdohospodárska platobná agentúra<br>Oddelenie cukru a ostatných komodit<br>Dobrovičova, 12<br>SK–815 26 Bratislava<br>Tel. (421-2) 57 512 415<br>Fax (421-2) 53 412 665 | 34 000 |
| L-Iżvezja | Statens jordbruksverk<br>Vallgatan 8<br>S-551 82 Jönköping<br>Tfn (46-36) 15 50 00<br>Fax (46-36) 19 05 46 | 12 762 |

*ANNESS II*

FORMOLA

**Mudell għall-komunikazzjoni lill-Kummissjoni kif imsemmi fl-Artikolu 3**

**Sejħa permanenti għall-offerti għall-bejgħ mill-ġdid taz-zokkor miżmum mill-aġenziji tal-intervent**

Regolament (KE) Nru 879/2008

| L-Istat Membru li qed ibiegħ iz-zokkor ta' intervent | In-numerazzjoni tal-offerenti | In-Nru tal-lott | Il-kwantità (f't.) | Il-prezz tal-offerta EUR/100 kg |
|---|---|---|---|---|
| 1 | 2 | 3 | 4 | 5 |
| | 1 | | | |
| | 2 | | | |
| | 3 | | | |
| | eċċ. | | | |

*ANNESS III*

L-annotazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 5(2):

| | |
|---|---|
| *bil-Bulgaru:* | Износ в съответствие с Регламент (ЕО) № 879/2008 |
| *bl-Ispanjol:* | Exportado de conformidad con el Reglamento (CE) nº 879/2008 |
| *biċ-Ċek:* | Vyvezeno v souladu s nařízením (ES) č. 879/2008 |
| *bid-Daniż:* | Eksporteret i henhold til forordning (EF) nr. 879/2008 |
| *bil-Ġermaniż:* | Ausgeführt gemäß der Verordnung (EG) Nr. 879/2008 |
| *bl-Estonjan:* | Eksporditud vastavalt määrusele (EÜ) nr 879/2008 |
| *bil-Grieg:* | Εξάγεται κατ'εφαρμογή του κανονισμού (ΕΚ) αριθ. 879/2008 |
| *bl-Ingliż:* | Exported pursuant to Regulation (EC) No 879/2008 |
| *bil-Franċiż:* | Exporté conformément aux dispositions du règlement (CE) nº 879/2008 |
| *bit-Taljan:* | Esportato a norma del regolamento (CE) n. 879/2008 |
| *bil-Latvjan:* | Eksportēts saskaņā ar Regulu (EK) Nr. 879/2008 |
| *bil-Litwan:* | Eksportuota pagal Reglamentą (EB) Nr. 879/2008 |
| *bl-Ungeriż:* | A 879/2008/EK bizottsági rendelet szerint exportálva |
| *bil-Malti:* | Esportat skont ir-Regolament (KE) Nru 879/2008 |
| *bl-Olandiż:* | Uitgevoerd in het kader van Verordening (EG) nr. 879/2008 |
| *bil-Pollakk:* | Wywiezione zgodnie z rozporządzeniem (WE) nr 879/2008 |
| *bil-Portugiż:* | Exportado em conformidade com o Regulamento (CE) n.º 879/2008 |
| *bir-Rumen:* | Exportat în conformitate cu Regulamentul (CE) nr. 879/2008 |
| *bis-Slovakk:* | Vyvezené podľa nariadenia (ES) č. 879/2008 |
| *bis-Sloven:* | Izvoženo v skladu z Uredbo (ES) št. 879/2008 |
| *bil-Finlandiż:* | Viety asetuksen (EY) N:o 879/2008 mukaisesti |
| *bl-Iżvediż:* | Exporterat i enlighet med förordning (EG) nr 879/2008 |

*ANNESS IV*

FORMOLA

**Mudell għan-notifika lill-Kummissjoni kif imsemmi fl-Artikolu 6(1)**

**Sejħa parzjali għall-offerti ta' … għall-bejgħ mill-ġdid taz-zokkor miżmum mill-aġenziji ta' intervent**

Regolament (KE) Nru 879/2008

| L-Istat Membru li qed ibiegħ iz-zokkor ta' intervent | Il-kwantità effettivament mibjugħa (f'tunnellati) |
|---|---|
| 1 | 2 |
| | |